# SILLABU TAR-RELIĠJON FORM 2 2009-2010

Ktieb - *Lejn il-Ħajja 2* Nimxu Flimkien: Il-Komunita' Nisranija

*Objettiv Ġenerali*

Fl-ewwel sena ta' l-istudji sekondarji sirna aktar midħla ta' Ġesù Kristu, il-ħajja u t-tagħlim tiegħu, u l-ambjent li kien jgħix fih. Din is-sena naraw kif l-ewwel komunità nisranija għexet il-fidi tagħha fl-imgħallem ta' Nażaret. Nagħtu ħarsa lejn il-Knisja li waqqaf Ġesù u kif aħna mistednin biex ngħixu l-messaġġ ta' Kristu f'komunità nisranija. Nagħmlu użu mill-Ktieb *Lejn il-Hajja 2*, minn *handouts* li jissupplementaw il-ktieb u minn videos marbuta mas-suġġett. Ngħaqqdu l-ħajja tal-Knisja mal-ħajja tal-familja Karmelitana. Norganizzaw irtiri/seminars marbuta mas-sillabu.

**L-EWWEL TERM**

**Unit 1:** Alla ma ħalaqniex biex ngħixu weħidna. Kif ser jgħina l-messaġġ nisrani fir-relazzjoni tagħna ma' l-oħrajn. L-istudenti jigu introdotti għall-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli.

**Unit 2:** X'inhuma l-iktar ħwejjeġ essenzjali biex nibnu grupp-komunita'. X'tgħallimna l-ġrajja ta' Għid il-Ħamsin. *Mill-istorja Karmelitana naraw il-ħajja tal-Patrijarka Sant'Albert ta' Ġerusalemm u kif għaqqad l-ewwel Karmelitani b'Regula.*

**Unit 3:** Il-ġenerożità kienet virtu' importanti fil-ħajja tal-Knisja tal-bidu. Kif ser ngħixu din il-ġenerożità fl-ambjent tagħna? Mill-istorja tal-Knisja naraw l-eżempju ta' mara li tat ħajjitha għal bintha. *Naraw il-ħajja ta' Santa Tereża ta' Ġesù.*

**IT-TIENI TERM**

**Unit 4:** Iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija hi l-qofol tal-Liturgija. L-ewkaristija trid tkun magħquda mal-ħajja tagħna ta' kuljum. Nifhmu aktar l-importanza tagħha f'ħajjitna. *Mill-istorja Karmelitana naraw il-ħajja ta' Filosfa Lhudija li saret Soru Karmelitana.*

**Unit 5:** Il-Knisja hi komunità kbira li fiha hemm kariżmi differenti. Hemm min hu msejjaħ biex imexxi, biex jgħallem, biex ifejjaq. Imma kulħadd hu msejjaħ biex jaqdi fuq l-eżempju ta' Kristu. *Insiru nafu diversi gruppi/għaqdiet li hemm fil-Knisja u l-kariżmi differenti tagħhom. Mill-istorja tal-Knisja naraw il-ħajja ta' nsara magħrufin, b'kariżmi differenti u nidħlu aktar fil-fond fil-kariżma Karmelitana.*

**Unit 6:** It-talb nisrani. X'inhu u kif jgħina nikbru fir-relazzjoni tagħna m'Alla u ma' l-oħrajn.

**Unit 7:** Alla jaħfrilna l-ħin kollu. Minn fuq is-salib Kristu ħafer lil min sallbu. L-insara msejħin biex jaħfru. *Naraw kif il-maħfra tgħina nkunu nsara maturi. Naraw xi esperjenzi ta' maħfra u nitkellmu dwar Qaddisin ġodda Karmelitani.*

**IT-TIELET TERM**

**Unit 8:** Il-Knisja hi mferrxa mad-dinja. Hemm kulturi differenti fil-Knisja. Kif għandna nħarsu lejn l-oħrajn, l-aktar dawk li ma jaqblux magħna?

**Unit 9:** X'inhu s-sehem tiegħi fil-Knsija. X'kontribut irridu nagħtu aħna fil-Knisja. X'vokazzjonijiet differenti hemm fiha. *Mill-istorja tal-Knisja naraw il-hajja tal-Beatu Papa Gwanni XXIII li ta bidu għall-Konċilju Vatikan II. Naraw ukoll x'kien dan il-Konċilju u x'bidliet ġab miegħu.*

**Unit 10:** Il-komunità nisranija ma tispiċċax f'din il-ħajja, imma tkompli fil-ħajja ta' dejjem. X'inhi r-rabta li tgħaqqad lilna ma' ħutna li diġa' marru jiltaqgħu mal-Mulej.

| **Meta:** | **Marki** |
|---|---|
| *Assessment* ta' Novembru | 10 |
| Testijiet ta' Novembru | 50 |
| *Assessment* ta' Nofs is-Sena | 20 |
| Eżamijiet ta' Nofs is-Sena | 100 |
| *Assessment* ta' l-Aħħar tas-Sena | 20 |
| Eżamijiet ta' l-Aħħar tas-Sena | 100 |